



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15561/18

AELE 67
EEE 52
N 69
ISL 49
FL 48
AND 5
MC 5
SM 6
MI 997
FISC 562

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: FISC 503 + COR 1	14661/18 AELE 57 EEE 47 N 61 ISL 45 FL 44 AND 4 MC 4 SM 5 MI 890
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar suq intern imkabbar omoġenju u r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar suq intern imkabbar omoġenju u r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fil-11 ta' Diċembru 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

DWAR SUQ INTERN IMKABBAR OMOĠENJU

**U R-RELAZZJONIJIET TAL-UE MA' PAJJIŻI TAL-EWROPA TAL-PUNENT LI
MHUMIEX FL-UE**

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

1. F'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill ivvaluta l-istat ġenerali tar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi li ġejjin tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex membri tal-UE: ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja, il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco u r-Repubblika ta' San Marino. Il-Kunsill ser jerġa' jikkunsidra l-istat ġenerali tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-bidu tal-2019. Il-Kunsill ser jivvaluta mill-ġdid l-istat ta' dawn ir-relazzjonijiet sentejn oħra, kif adatt.

IL-ĠIRIEN TAL-UNJONI EWROPEA MILL-EWROPA TAL-PUNENT

2. Il-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE huma s-sħab l-aktar qrib tal-UE fil-bini ta' Ewropa aktar b'saħħitha, sigura, kompetittiva u prospera. Il-Kunsill jenfasizza l-valur u l-importanza li l-UE tagħti lir-relazzjonijiet ma' dawn is-sħab speċjali kollha tal-istess fehma. Il-kooperazzjoni fit-tul tagħna hija bbażata fuq valuri u interessi fundamentali kondiviżi u mirfuda mill-wirt kulturali u l-istorja komuni tagħna, kif ukoll rabtiet kulturali u ġeografiċi b'saħħithom. L-integrazzjoni ekonomika fil-qafas tas-suq intern imkabbar tal-UE tgħaqqadna saħansitra aktar u tinkwadra l-interdipendenza tal-prosperità u l-kompetittività futuri tagħna. Fl-aħħar sentejn, ir-relazzjonijiet mill-qrib tagħna ssaħħu aktar permezz ta' għadd ta' inizjattivi f'firxa wiesgħa ta' oqsma strateġiċi.
3. Il-Kunsill itenni li s-saħħa tal-integrazzjoni ekonomika tagħna tiddependi mir-rispett sħiħ tal-erba' libertajiet tas-suq intern. Għaldaqstant hija r-responsabbiltà tal-Istati kollha li qed jipparteċipaw diġà jew li jixtiequ jżidu l-livell tal-parteeipazzjoni tagħhom fis-suq intern imkabbar li jiżguraw l-integrità u l-omoġeneità tiegħu, kif ukoll ir-rispett sħiħ tad-drittijiet u l-obbligi ugwali kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji.

4. Il-Kunsill jinnota l-kooperazzjoni eċċellenti f'oqsma ta' azzjoni esterna tal-UE b'hall-għajnuna g'hall-iżvilupp, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u l-politika estera u ta' sigurtà komuni. Il-Kunsill jesprimi l-apprezzament qawwi tiegħu g'hall-allinjament tal-eqreb pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent mal-istrumenti u l-pożizzjonijiet tal-politika estera tal-UE. Il-Kunsill jistenna b'interess il-konsolidazzjoni u t-tisħiħ ta' dan l-allinjament. Il-kooperazzjoni f'fora internazzjonali tinfed id-determinazzjoni tal-UE u s-sħab tagħha tal-Ewropa tal-Punent li mhumieq fl-UE biex isaħħu aktar il-multilateraliżmu.
5. Minħabba l-prossimità ġeografika, l-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha tal-Ewropa tal-Punent li mhumieq fl-UE jiffaċċaw sfidi komuni ta' sigurtà u jiddependu minn xulxin f'dak li jirrigwarda l-iżgurar tal-istabbiltà nazzjonali u reġjonali. Il-Kunsill jilqa' bis-sħiħ il-kooperazzjoni tal-UE mal-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni.
6. Il-Kunsill jieħu nota tal-isfidi g'hall-ġestjoni konġunta tal-istokkijiet tal-ħut fl-Atlantiku tal-Grigal. Iż-żamma tal-benefiċċji ekonomiċi importanti li jagħtu dawn l-istokkijiet, u l-evitar ta' esplotazzjoni żejda u t-tnaqqis sussegwenti tal-istokkijiet, jeħtieġu li b'mod urġenti jiġu maqbula reġimi ta' ġestjoni komprensivi u ġusti, li jinvolvu l-Partijiet kollha b'responsabbiltà g'hall-ġestjoni ta' dawn l-istokkijiet, fosthom in-Norveġja u l-Iżlanda.

IR-REPUBBLIKA TAL-IŻLANDA

7. Il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Iżlanda, f'oqsma bħar-riċerka, l-innovazzjoni, l-ambjent u l-politika dwar it-tibdil fil-klima, u l-ġustizzja u l-affarijiet interni. Huwa lest li jintensifika din il-kooperazzjoni fl-oqsma kollha ta' interess reċiproku. L-Iżlanda hija sieħba importanti u affidabbli g'hall-UE.
8. Il-Ftehim ŻEE jibqa' l-pedament tar-relazzjonijiet tagħna. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jixtieq ifaħħar lill-Iżlanda talli żiedet l-enfasi fuq il-Ftehim ŻEE u r-riżorsi dedikati għalih, inkluż fir-rigward tal-inkorporazzjoni u l-implimentazzjoni f'waqthom tal-leġislazzjoni tal-UE rilevanti għaż-ŻEE.

9. L-irkupru ekonomiku robust tal-Iżlanda wara l-kriżi finanzjarja u ekonomika tal-2008 hija notevoli. Il-Kunsill jilqa' l-progress tal-pjan komprensiv tal-Gvern Iżlandiż għat-tneħħija tal-kontrolli fuq il-kapital mingħajr ma jhedded l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja tal-pajjiż. Il-Kunsill ifakkar li restrizzjonijiet jistgħu jiġu implimentati biss temporanjament, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 43 tal-Ftehim ŻEE.
10. Il-Kunsill jilqa' d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2018 tal-Ftehimiet bejn l-UE u l-Iżlanda dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli bażiċi u proċessati u dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel. Dawn il-ftehimiet jesprimu r-rieda tal-partijiet li jippromwovu u jiżviluppaw il-kummerċ fi prodotti ta' kwalità, għall-benefiċċju tal-konsumaturi, tal-bdiewa u tal-industriji kemm fl-Iżlanda kif ukoll fl-UE.
11. L-UE għandha interess qawwi f'li tkompli tibni u tiżviluppa aktar l-involvement transettorjali eżistenti tagħha fl-Artiku. L-Iżlanda hija sieħba mill-qrib u affidabbli dwar kwistjonijiet tal-Artiku. Il-Kunsill għalhekk jistenna b'interess l-iżvilupp ta' din is-sħubija speċjali sabiex tkun tista' tapprofita bis-sħiħ mill-opportunitajiet li l-Artiku jippreżenta, b'mod partikolari fl-oqsma tar-riċerka u x-xjenza, l-azzjoni għat-tisħiħ tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tat-tniġġis. Il-Kunsill jistenna wkoll b'interess il-presidenza li jmiss tal-Iżlanda tal-Kunsill tal-Artiku għall-perijodu 2019-2021. Il-Kunsill jilqa' l-appoġġ qawwi kontinwu tal-Iżlanda biex l-UE tingħata status ta' osservatur fil-Kunsill tal-Artiku.
12. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2016, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tiegħu għaż-żamma tal-moratorju maqbul internazzjonalment fuq il-kaċċa kummerċjali għall-baleni, stabbilit fil-qafas tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Baleni u għall-elenkar ta' ċetaċċi u speċijiet oħra tal-baħar skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet fil-Periklu (CITES). Huwa għalhekk iħeġġeġ lill-Iżlanda biex twarrab mill-kaċċa kummerċjali għall-baleni meta l-kwota attwali ta' ħames snin tiskadi fi tmiem l-2018, biex tirrispetta l-moratorju maqbul internazzjonalment dwar il-kaċċa kummerċjali tal-baleni stabbilit taħt l-IWC u biex tirtira r-riżervi tagħha taħt is-CITES għal dawn l-ispeċijiet u speċijiet oħra tal-baħar.

IL-PRINĊIPAT TAL-LIECHTENSTEIN

13. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Liechtenstein huma tajba u dinamiċi ħafna, u komplew jintensifikaw mill-2016 'il hawn. Il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni eċċellenti kontinwa mal-Liechtenstein fl-oqsma koperti miż-ŻEE u l-Ftehimiet ta' Schengen, kif ukoll f'oqsma oħra. Il-kooperazzjoni żdiedet fil-qasam tal-politika barranija.
14. Il-Kunsill jistenna b'interess li jkompli japprofondixxi l-kooperazzjoni kostruttiva tal-UE mal-Liechtenstein, b'mod partikolari fi ħdan il-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet bħat-tisħiħ tal-istat tad-dritt, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja kriminali internazzjonali, u l-indirizzar tal-kriminalità finanzjarja u tal-ħasil tal-flus.
15. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li l-Liechtenstein qed jikkondividi l-esperjenza estensiva tiegħu fiż-ŻEE u ftehimiet oħra mal-UE ma' pajjiżi żgħar oħra tal-Ewropa tal-Punent.
16. Il-parteciċipazzjoni tal-Liechtenstein fl-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar it-taxxa bħala "adottant bikri" tal-Istandard Komuni ta' Rappurtar, fejn beda jagħmel skambju ta' informazzjoni minn Settembru 2017, huwa kontribut li jintlaqa' ferm tajjeb għall-bidliet globali enormi fit-trasparenza tat-taxxa f'dawn l-aħħar snin.
17. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva, trasparenti u miftuħa mal-Liechtenstein, bil-għan li jiġi żgurat li jiġu applikati l-prinċipji u l-kriterji kollha tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi. F'dan ir-rigward, huwa jilqa' b'mod partikolari t-tlestija rapida fl-2018 tal-proċess legiſlattiv biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet identifikati mill-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE. Il-progress li sar ġie rikonoxxut mill-ECOFIN fit-2 ta' Ottubru 2018.

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA

18. In-Norveġja hija sieħba mill-qrib u għal żmien twil tal-UE. L-UE u n-Norveġja jikkooperaw fl-indirizzar ta' ħafna sfidi komuni, bħat-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni u l-protezzjoni ta' ċittadini tagħna. Matul dawn l-aħħar sentejn, ir-relazzjoni inġenerali baqgħet eċċellenti. Il-Kunsill jilqa' l-Istrateġija għall-Kooperazzjoni mal-UE (2018-2021) adottata mill-Gvern Norveġiż fid-9 ta' Mejju ta' din is-sena.
19. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni b'saħħha kontinwa man-Norveġja fl-oqsma tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u jikkonferma l-impenn tal-UE li tkompli ssaħħa din il-kooperazzjoni. In-Norveġja għamlet kontributi viżibbli għall-PSDK matul is-snin, inkluż il-parteċipazzjoni f'diversi missjonijiet immexxija mill-UE. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-Norveġja hija bbażata fuq valuri kondiviżi, b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi, u testendi għall-medjazzjoni, il-bini tal-paċi u l-aġenda internazzjonali għall-iżvilupp.
20. L-UE u n-Norveġja jikkondividu sens qawwi ta' responsabbiltà lejn iċ-ċittadini tagħna, l-ambjent naturali tagħna u l-ġenerazzjonijiet futuri tagħna. Il-Kunsill jilqa' r-rieda ċara tan-Norveġja li tkompli tkun il-mutur għall-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-klima, u li taħdem biex jintlaħqu l-impenji ta' Pariġi, flimkien mal-UE.
21. Il-Kunsill jilqa' l-Istrateġija dwar l-Artiku tan-Norveġja ta' Marzu 2017, li tistabbilixxi l-viżjoni tan-Norveġja għal Tramuntana ta' Fuq paċifika, innovattiva u sostenibbli, u l-politiki biex tinkiseb din il-viżjoni. B'mod partikolari, il-Kunsill jilqa' l-appoġġ kontinwu tan-Norveġja għall-involviment tal-UE fl-Artiku, inkluż fil-kuntest tal-Forum Artiku tal-Partijiet Interessati, u biex l-UE ssir osservatur fil-Kunsill tal-Artiku. L-UE u n-Norveġja huma wkoll sħab ewlenin fl-indirizzar tal-kwistjonijiet relatati mal-oċean, kemm fil-livell globali kif ukoll f'dak reġjonali. Hemm kooperazzjoni mill-qrib fl-oqsma tas-sajd u l-affarijiet marittimi, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-edukazzjoni u l-kultura, kif ukoll f'ħafna oqsma oħra.

22. In-Norveġja tibqa' fornitur ewlieni taż-żejt u l-gass għall-UE, iżda hija wkoll sieħba mill-qrib fl-iżvilupp ta' sorsi oħra tal-enerġija. Il-kooperazzjoni tagħna mill-qrib tibqa' kruċjali għas-sigurtà tal-enerġija tal-UE u għall-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija.
23. Il-Kunsill jilqa' l-iffirmar fis-6 ta' Frar 2018 tal-Ftehim bejn l-UE u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkuprar ta' talbiet għall-ħlas fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud.
24. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tan-Norveġja bħala waħda mis-sħab kummerċjali prinċipali tal-UE, u jilqa' d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2018 tal-Ftehim bejn in-Norveġja u l-UE rigward preferenzi kummerċjali addizzjonali fil-prodotti agrikoli bażiċi. Il-Kunsill itenni bil-qawwa l-istedina tiegħu lin-Norveġja biex, bħala prijorità u mingħajr dewmien, tinvolvi ruħha b'mod attiv fi proċess ta' negozjar kostruttiv dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi prodotti agrikoli proċessati fi ħdan il-qafas tal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 6 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ŻEE. Il-Kunsill jappella wkoll lin-Norveġja biex terġa' tibda n-negozjati dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, li huwa element importanti tal-kummerċ internazzjonali fi prodotti agrikoli u prodotti alimentari.
25. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tiegħu għaż-żamma tal-moratorju maqbul internazzjonalment fuq il-kaċċa kummerċjali għall-baleni, stabbilit fil-qafas tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Baleni u għall-elenkar ta' ċetaċċi u speċijiet oħra tal-baħar skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet fil-Periklu (CITES). Għaldaqstant huwa jħeġġeġ lin-Norveġja biex tieqaf toħroġ kwoti tal-baleni, biex tirrispetta l-moratorju maqbul internazzjonalment fuq il-kaċċa kummerċjali għall-baleni stabbilit fil-qafas tal-IWC u biex tirtira r-riżervi tagħha fil-qafas tas-CITES għal dawn l-ispeċijiet u speċijiet oħra tal-baħar.

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

26. Il-Kunsill jinnota li l-Ftehim ŻEE kompla jiffunzjona b'mod sodisfaċenti. Il-Kunsill jilqa' l-inkorporazzjoni ta' xi leġislazzjoni importanti ħafna fil-Ftehim ŻEE matul l-aħħar sentejn, bħar-Regolament Pedjatriku, il-Pakkett dwar il-Produzzjoni Organika u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Dan tal-aħħar jirrappreżenta r-riforma l-aktar sinifikanti fil-protezzjoni tad-data f'dawn l-aħħar 20 sena. Il-Kunsill jappella għal aktar sforzi bil-ħsieb tal-implimentazzjoni rapida tal-leġislazzjoni pendent, bħat-Tielet Pakkett tal-Enerġija, id-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, it-Tielet Direttiva Postali, u l-leġislazzjoni dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati u l-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus.
27. Għalkemm aktar min-nofs l-atti legali tal-UE li għadhom mhux inkorporati għadhom fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, il-Kunsill jinnota t-tisħiħ tal-isforzi f'dan il-qasam u li diversi atti ewlenin ġew inkorporati f'xhur reċenti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill itenni li l-prinċipji ta' omoġeneità u ta' ċertezza legali jiggwarantixxu l-effiċjenza, is-sostenibbiltà u fuq kollox il-kredibilità tas-Suq Intern u għandhom għalhekk ikomplu jiggwidaw il-partijiet kollha fir-rigward tal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE.
28. Il-Kunsill jilqa' l-kontribut tal-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja għat-tnaqqis ta' inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi fiż-ŻEE għall-perijodu 2014-2021, permezz taż-ŻEE u l-Mekkaniżmi Finanzjarji Norveġiżi. Dan il-kontribut hu ta' benefiċċju għaż-ŻEE kollha.
29. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fin-negozjati dwar u l-iffirmar tal-Memoranda ta' Qbil mal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi benefiċjarji għall-perijodu ta' finanzjament 2014-2021. Il-Kunsill jistenna b'interess l-iżvilupp, l-approvazzjoni u l-implimentazzjoni rapidi tal-programmi kollha, li ser joħolqu impatt pożittiv fil-post fis-setturi prijoritarji kollha previsti. B'mod partikolari, għandu jiġi enfasizzat l-appoġġ għal soċjetà ċivili libera u vibranti fiż-ŻEE.

30. Il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Artikolu 19 tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Partijiet Kontraenti għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom għall-kisba ta' liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ fi prodotti agrikoli u, għal dan il-għan, f'intervalli ta' sentejn, għandhom iwettqu reviżjonijiet tal-kondizzjonijiet tal-kummerċ fi prodotti agrikoli, bil-ħsieb li jiġu esplorati konċessjonijiet possibbli.
31. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE wkoll iqajjem mistoqsijiet importanti għall-Istati taż-ŻEE u l-EFTA. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġi salvagwardat il-Ftehim ŻEE, li jiżgura l-kontinwazzjoni ta' ŻEE omoġenja u li taħdem sew, u li tiġi ppreservata l-integrità tas-suq intern. Id-djalogu mill-qrib u l-iskambju kontinwu ta' informazzjoni li ġie stabbilit bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE u l-EFTA dwar in-negozjati bejn l-UE u r-Renju Unit skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE għandu jinżamm u, jekk meħtieġ, intensifikat fl-aħħar stadji tal-proċess.
32. L-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE kkonfermaw l-appoġġ tagħhom għall-Ftehim ŻEE f'ħafna okkażjonijiet. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon il-fokus miżjud fuq is-sensibilizzazzjoni pubblika u fuq sforzi ta' komunikazzjoni, biex tiżdied il-kuxjenza tal-importanza tal-Ftehim ŻEE fl-avvanz tal-integrazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE u tal-EFTA u fis-salvagwardja tal-interessi komuni tagħna.

IL-PRINĊIPAT TA' ANDORRA, IL-PRINĊIPAT TA' MONACO U R-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO

33. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li, matul l-aħħar sentejn, ir-relazzjonijiet tajbin ħafna bejn l-UE u Andorra, Monaco u San Marino komplew jintensifikaw. Kienu partikolarment immarkati b'aktar interazzjoni bejn l-UE u t-tliet sħab, kif ukoll bi progress fin-negozjati bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni wieħed jew diversi Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ("il-Ftehim").

34. Il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Ftehim jipprevedi l-parteċipazzjoni ta' Andorra, Monaco u San Marino fis-suq intern tal-UE, u għall-kooperazzjoni mal-UE f'oqsma oħra ta' politika. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li n-negozjati dwar il-Ftehim, li nfetħu fit-18 ta' Marzu 2015, issa deħlin fil-fażi deċiżiva tagħhom. Il-Kunsill jilqa', *inter alia*, il-progress pożittiv ma' Andorra dwar is-settur tat-tabakk u jinkoraġġixxi lill-partijiet kollha biex b'mod attiv ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jiksbu finalizzazzjoni rapida ta' dawn in-negozjati, li jistgħu preferibbilment jirriżultaw fi ftehim uniku bi tliet protokolli relatati mal-pajjiżi u annessi dwar l-*acquis*.
35. L-UE hija impenjata bis-sħiħ, u lesta li taħdem għall-finalizzazzjoni tad-diskussjonijiet dwar il-qafas tal-Ftehim sar-rebbiegħa 2019. Il-Kunsill hu konxju li n-negozjati dwar l-adozzjoni tal-*acquis* rilevanti mit-tliet sħab ser ikollhom ikomplu. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinkoraġġixxi lil Andorra, Monaco u San Marino li jkomplu jsaħħu l-kapaċità amministrattiva tagħhom u jfittxu l-kooperazzjoni mas-sħab inklużi l-Istati Membri. Dan ser jgħin biex tiġi żgurata l-adozzjoni rapida tal-*acquis* matul u wara n-negozjati, kif ukoll ġestjoni, monitoraġġ, implimentazzjoni u infurzar effiċjenti tal-Ftehim mill-partijiet kollha.
36. Il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-livell għoli ta' integrazzjoni ma' Andorra, Monaco u San Marino previst mill-Ftehim futur għandu jkun imsejjes, fost l-oħrajn, fuq il-valuri kondiviżi ta' Andorra, Monaco, San Marino u t-trattati tal-UE, l-erba' libertajiet tas-suq intern u l-politiki orizzontali u ta' appoġġ relatati, l-istabbiliment ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, governanza tajba tat-taxxa u pedamenti istituzzjonali b'saħħithom u reżiljenti. Il-Kunsill itenni li l-Ftehim futur għandu jkun ibbażat, barra minn hekk, fuq iż-żamma tal-funzjonament tajjeb u l-omoġeneità tas-suq intern u ċ-ċertezza legali, filwaqt li simultanjament jittieħed kont tal-ispeċifikitajiet ta' kull pajjiż u s-sitwazzjonijiet partikolari tagħhom, f'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

37. Il-Kunsill itenni l-importanza li jiġi stabbilit qafas istituzzjonali koerenti, effiċjenti u effettiv biex jirfed il-Ftehim; b'mod partikolari dan għandu:
- a) jinkludi forum għall-konsultazzjoni bejn il-partijiet biex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-implimentazzjoni korretta tal-Ftehim;
 - b) jiżgura l-adozzjoni dinamika tal-*acquis* tal-UE mit-tliet pajjiżi;
 - c) jipprevedi l-applikazzjoni uniformi u l-interpretazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim; u
 - d) jinkludi mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni tat-tilwim ġust, effettiv u effiċjenti.
38. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-leġislazzjoni u l-prattiki ta' Andorra, Monaco u San Marino fil-qasam tax-xogħol u s-sigurtà soċjali jiġu adattati għall-istandards tal-UE u dawk internazzjonali.
39. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi li qed jagħmlu Andorra, Monaco u San Marino biex jadattaw il-leġislazzjoni u l-prattiki tagħhom fil-qasam tat-taxxa għall-istandards tal-UE u dawk internazzjonali. Il-Kunsill jinnota li, f'April u f'Lulju tal-2018, il-Forum Globali tal-OECD dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għal Finijiet ta' Taxxa ddikjara lil Monaco u San Marino bħala "konformi" mal-istandard internazzjonali dwar l-iskambju ta' informazzjoni fuq talba.
40. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva, trasparenti u miftuħa ma' Andorra, Monaco u San Marino bil-għan li jiġi żgurat li jiġu applikati l-prinċipji u l-kriterji kollha tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi. B'rabta ma' dan, il-Kunsill ifakkar li fil-5 ta' Diċembru 2017 l-ECOFIN sab li Monaco huwa konformi ma' dawn il-prinċipji u l-kriterji. Il-Kunsill jilqa' wkoll it-tlestija rapida minn Andorra u San Marino tal-proċessi leġislattivi rispettivi tagħhom biex sa tmiem l-2018 jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati mill-Grupp tal-UE dwar il-Kodiċi tal-Kondotta fuq it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi. Il-progress li sar minn Andorra u San Marino ġie rikonoxxut mill-ECOFIN fl-4 ta' Diċembru 2018.